MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

SEDUTA TAT-30 TA' OTTUBRU, 2013

NUMRU. 380/2013

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**CLINT PORTELLI**
**FRANKIE DEBATTISTA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Clint Portelli** iben Anthony u Giorgia nee' Agius imwieled il-Pieta nhar it-30 ta' Settembru 1977 u residenti BLK B Bieb A, Triq Tursin il-Bir, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 513777M, gie akkuzat talli :

Nhar t-8 ta'April 2013 ghal-habta tas-19:00hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel u ta' wara gewwa Triq in-Nassab Hal-Qormi u f' dawm il-Gzejjer, ittanta li jisraq minn gewwa

vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAL-729 tal-ghamla Mercedes E Class ghad-dannu ta’ Roderick Muscat u/jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)u bin-natura tal-haga misruqa

Akkuzat ukoll talli fl-istess ,lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’vettura bin-numru GAL-729 tal-ghamla Mercedes E Class liema hsara tammonta ghal aktar minn 570euro.

Rat li **Frankie Debattista** iben Sebastian U Mary nee’ Azzopardi imwieled il-Pieta’ nhar l-09 ta’ Novembru 1975 u residenti 3, Sqaq il-Wied Nru5, Qormi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 9076M gie akkuzat talli nhar it-8 ta’ April 2013 ghal-habta tas-19:00hrs u/jew fil-hinijiet ta’ qabel u ta’ wara fit-Triq in-Nassab, Hal Qormi u f’ dawn il-Gzejjer b’xi mod, xjentement,għent jew assistejt lil Clint Portelli, fl-atti li bihom id-delitt ġie ippreparat jew ikkunsmat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat li fl-ewwel udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2013 saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati anki wara li inghataw z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba

kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarhom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi nhar it-8 ta` April 2013 ghall-habta tas-7.00pm, iz-zewg imputati poggew l-attenzjoni taghhom fuq vettura li kienet ilha wieqfa – sabiex fuqha jsiru xi tiswijiet - ghal madwar sitt xhur gewwa *drive in* ta` binja fejn huma kienu jahdmu. F'hin minnhom Clint Portelli ittenta jiftah il-bagoll filwaqt li Frankie Debattista qaghad ghassa. Il-ftuh tal-bagoll ma rnexxiex u minnufih dawn iz-zewg persuni waqfu minn dak li kienu qed jaghmlu. Minn gol-vettura in kwistjoni GAL 729 tal-marka Mercedez ma nsteraq xejn izda saritilha xi hsara waqt dan l-allegat attentat ta` sgass. Fi ftit tal-hin wara sar rapport lill-pulizija dwar dak li kien gara minn sid il-vettura Roderick Muscat. Gie identifikat CCTV *footage* ta` sistema installata fil-vicinanzi u minnu gew identifikati z-zewg imputati li gew arrestati ghal aktar investigazzjonijiet. Huma in effetti rrilaxxjaw stqarrija lill-pulizija fejn ammettew dak li kienu ghamlu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-hatja, l-ammissjoni u l-koperazzjoni assoluta tal-hatja waqt li huma kienu qed jigu nterrogati, l-ammissjoni bikrija tal-hatja fl-ewwel okkazjoni waqt dawn il-proceduri, il-fatt li huma hallsu lil Roderick Muscat ghall-hsarat li garrbet il-vettura propjeta` tieghu (kif jikkonferma l-ufficjal prosekutur), u l-fatt li z-zewg imputati ghandhom xoghol jew impjieg fiss u tajjeb u ma setghux isibu spjegazzjoni ghaliex ghamlu dak li ghamlu.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru tal-hatja, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41, 42, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278, 279 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Clint Portelli u lil Frankie Debattista hatja ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlu ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------